**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Jannar 2023**

**Rikors nru: 109/2018 AGV**

**MC**

**-VS-**

**MRG. C**

**IL-QORTI,**

**RAT IR-Rikors mahluf ta' M C** datat 4 ta' Mejju 2018 fejn ippremetta s-segwenti:-

1. ILLI s-separazzjoni personali tal-partijiet giet ddikjarata permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata s-26 ta' Jannar 2012 (Rikors Guramentat Numru 326/2004), liema sentenza giet ikkonfermata fil-maggor parti taghha mill-Onorabbli Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza datata t-22 ta' Frar 2013 (Appell Civili Numru 326/2004/1) – kopja legali ta' liema sentenzi huma hawn annessi u mmarkati **Dok.MC.1** u **Dok.MC.2**;

2. ILLI fis-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fuq imsemmija, l-Onorabbli Qorti kienet ordnat illi r-rikorrent jghaddi manteniment ghal martu kif gej:-

*"Illi tenut kont tal-fatt li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi unikament fuq il-konvenut u tenut kont ukoll tal-fatt li, nonostante li l-konvenut xorta wahda bhala jiggestixxi n-negozju tieghu u jdahhal introjtu, il-*quantum *ta' dan l-introjtu nzamm mistur mill-attrici; tenut kont ukoll tal-fatt li l-attrici hija kapaci tahdem, ghalkemm fuq bazi part-time, izda tenut kont ukoll ta' l-eta' ta' l-attrici [57], tordna lil-konvenut jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma mensili ta' mija erba u sittin ewro [€164] [LM70]. Din is-somma ghandha tigi riveduta kull sena skond l-gholi tal-hajja kif jirrizulta mill-indici ufficjali tal-gvern.*

*Inoltre, l-attrici qed tinghata d-dritt li tezigi manteniment akbar kemm-il darba hi tisfa' bla mezzi adegwati ghal ghejxien taghha minhabba cirkostanzi mhux fil-kontroll taghha, dejjem skond ic-cirkostnazi ta' dak iz-zmien."*

3. ILLI l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel istanza rigwardanti l-manteniment, u ghalhekk ir-rikorrent ilu jhallas ghal dawn is-snin kollha lill-martu Margaret Cachia, is-somma mensili ta' mija erba u sittin Ewro (€164) hekk kif

riveduta kull sena skond l-gholi tal-hajja kif jirrizulta mill-indici ufficjali tal-gvern, u dan skond is-sentenza precitata.

4. ILLI permezz ta' sentenza datata t-12 ta' Lulju 2013 (kopja legali ta' liema sentenza hi hawn annessa u mmarkata **Dok.MC.3**), dina l-Onorabbli Qorti ppronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u ordnat li jigi rregistrat id-divorzju tal-partijiet fir-Registru Pubbliku, u ghalhekk illum il-gurnata l-partijiet huma divorzjati, izda permezz ta' din is-sentenza il-provizjonijiet moghtija permezz tas-sentenzi surriferiti rigwardanti l-manteniment dovut mir-rikorrent lill-martu MRG. C ma gewx riveduti.

5. ILLI permezz ta' ittra mibghuta lir-Registratur tal-Qorti (kopja hawn annessa u mmarkata **Dok.MC.4**) datata s-7 ta' Dicembru 2017, ir-rikorrent talab sabiex jinfetah il-process tal-medjazzjoni minhabba bdil serju fic-cirkostanzi finanzjarji tieghu li jirrikjedu diskussjonijiet ma' martu illi jigu formalizzati fl-ambitu ta' medjazzjoni skond il-Ligi u dan sabiex ukoll, fin-nuqqas ta' ftehim bonarju bejn il-partijiet, l-istess rikorrent jinghata l-awtorizzazzjoni ai termini tal-Artikolu 9 tal-Avviz Legali 397 ta' l-2003.

6. ILLI l-process tal-medjazzjoni nghalaq permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fil-5 ta' Marzu 2018 minhabba li l-intimata ma attendietx ghas-seduti tal-medjazzjoni, u permezz tal-istess digriet ir-rikorrent gie awtorizzat jipprocedi b'kawza – u dan kif jirrizulta mill-kopja tad-digriet hawn annessa u mmarkata **Dok.MC.5**.

7. ILLI r-rikorrent ilu diversi snin ibghati minn kundizzjonijiet ta' mard u in vista ta' tali mard huwa kellu jieqaf mix-xoghol tieghu - u dan hekk kif jixhed id-dokument hawn anness u mmarkat **Dok.MC.6**. Madanakollu l-istess rikorrent baqa jipprova jhallas l-manteniment dovut lill-intimata, anke sahansitra billi jissellef il-flus minn membri tal-familja tieghu sabiex ikun jista' jhallas il-manteniment;

8. ILLI in vista tal-mard illi hakem lill-rikorrent, l-istess rikorrent kien ghamel talba ghall-ghajnuna socjali u in fatti huwa kien sahansitra mghajjat sabiex

jidher quddiem bord mediku sabiex jigi ezaminat u dan hekk kif jixhed id-dokument hawn anness u mmarkat **Dok.MC.7**.

9. ILLI in segwitu ghal dina t-talba tar-rikorrent, fl-4 ta' Marzu 2015 l-istess rikorrent gie mgharraf illi huwa kien ser jibda jircievi l-beneficcji awtorizzati u dan bir-rati illi jidhru fid-dokument hawn anness u mmarkat **Dok.MC.8**, u dana stante illi l-kundizzjoni medika tal-rikorrent ma kinitx tippermettilu illi jibqa ghaddej b'xogholu.

10. ILLI effettivament hekk kif jirrizulta minn **Dok.MC.9** ir-rikorrent kien idahhal beneficcji socjali ta' circa sitt elef tlett mija u ghoxrin Ewro u erbgha u hamsin Ewrocentezmi (€6,715.54) fis-sena, liema somma tirrifletti l-uniku introjtu tar-rikorrent. Minn din is-somma r-rikorrent kellu jibqa jhallas lill-intimata l-manteniment mensili dovut lilha, u kwindi ammont sostanzjali mill-introjtu tar-rikorrent kien qieghed jinghata lill-intimata bil-konsegwenza li l-bilanc rimanenti ma kienx wiehed sufficcjenti sabiex wiehed ikun jista' jghix u jkopri bzonnijiet bazici.

11. ILLI f'Novembru 2016, u cioe meta r-rikorrent kien lahaq l-eta` pensjonabbli, l-beneficcji socjali li kien intitolat ghalihom minhabba l-kundizzjoni tas-sahha tieghu, gew riveduti ghal circa erba' mija hamsa u erbghin Ewro (€445) fix-xahar oltre ghajnuna medika fl-ammont ta' circa mija u tnejn Ewro u tnejn u hamsin Ewrocentezmi (€102.52) – u dan kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkata **Dok.MC.10**.

12. ILLI mill-introjtu tieghu kif spjegat hawn fuq, ir-rikorrent kien u ghadu jhallas l-ammont ta' mitejn u tmenin Ewro (€280) fix-xahar bhala kera tal-fond fejn jirrisjedi - u dan hekk kif jixhed id-dokument hawn anness u mmarkat **Dok.MC.11**. Apparti l-ispiza mensili tal-kera r-rikorrent ghandu wkoll spejjez mensili ohra, liema spejjez ikopru biss bzonnijiet bazici, bhal kontijiet tad-dawl u ilma u ikel – u dan skond kif jirrizulta mill-prospett kumpilat mir-rikorrent hawn anness u mmarkat **Dok.MC.12**.

13. ILLI kif jirrizulta minn **Dok.MC.12** ir-rikorrent m'huwiex ilahhaq mal-bzonnijiet tal-hajja u sahansitra qieghed jispicca anke minn taht fl-ammont ta' circa elfejn Ewro (€2,000) fl-ahhar tas-sena, u ghalhekk m'ghadux f'posizzjoni li jkompli jhallas il-manteniment;

14. ILLI minn naha l-ohra l-intimata tinsab f'posizzjoni finanzjarja stabbli ferm aktar mill-rikorrent, fil-fatt skond il-kopja tat-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha hawn annessa u mmarkata **Dok.MC.13**, l-intimata giet nominata bhala l-unika eredi universali tat-testatur GNS. Ghalhekk l-intimata certament tinsab f'posizzjoni ahjar minn dik ta' r-rikorrent sabiex hija tkun tista' almenu tghajjex lilha nnifisha – dan jirrizulta wkoll mill-kopja tar-ricerki relattivi hawn annessi u mmarkati **Dok.MC.14**.

15. ILLI minkejja t-tibdil fic-cirkostanzi finanzjarji tal-partijiet, l-intimata qieghdha tippersisti ghall-hlas tal-manteniment anke permezz ta' rapporti mal-Pulizija, u sahansitra permezz ta' rikors datat is-27 ta' Frar 2017 (kopja hawn annessa u mmarkata **Dok.MC.15**), l-intimata talbet illi l-manteniment dovut lilha kellu jinqata direttament mill-pensjoni tar-rikorrent u jithallas lilha mid-dipartiment tas-Sigurta` Socjali, liema talba giet debitament milqugha minn dina l-Onorabbli Qorti u dana permezz ta' digriet datat t-28 ta' Frar 2017, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata **Dok.MC.16**.

16. ILLI fil-gurnata tal-lum ir-rikorrent m'ghandux introjtu sufficjenti sabiex jghajjex lilu nnifsu u/jew sabiex ikopri l-bzonnijiet bazici tal-hajja, u wisq anqas ma ghandu introjtu sufficjenti sabiex ikompli jhallas il-manteniment lill-intimata. Il-posizzjoni prezenti tar-rikorrent hija wahda preokkupanti immens stante illi l-impossibilita` illi dan jghajjex lilu nnifsu filwaqt illi jkompli jhallas il-manteniment hija stat ta' fatt tant li qieghed ikollu jissellef il-flus minn familjari tieghu.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet suesposti, ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi sehh tibdil fil-mezzi tar-rikorrenti u dan ghal ragunijiet indipendenti mill-volonta` tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 54(9) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tirrevoka d-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat t-28 ta' Frar 2017 (**Dok.MC.16**) fl-intier tieghu.
3. Tordna c-cessjoni tal-obbligu da parti tar-rikorrent illi jissomministra lill-intimata r-retta alimentari li huwa tenut jissomministra ai termini tas-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata s-26 ta' Jannar 2012 (Rikors Guramentat Numru 326/2004) (**Dok.MC.1**), u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza datata t-22 ta' Frar 2013 (Appell Civili Numru 326/2004/1) (**Dok.MC.2**).
4. Salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

**Rat ir-Risposta guramentata tal-intimata MRG. C, datata 4 ta' Gunju 2018 fejn eccepiet:-**

1. Preliminarjament, in-nullita' tal-proceduri tal-ittra ta' medjazzjoni numru 1786/17 mibdija fis-7 ta' Dicembru, 2017 u maghluqa b'digriet tat-2 ta' Marzu, 2018 stante li permezz tal-imsemmija ittra ta' medjazzjoni 1786/17 MC u l-avukat tieghu rnexxielhom iqarrqu bil-Qorti u dan peress illi huma hbew il-fatt li b'digriet moghti fil-11 ta' Jannar, 2018, il-Qorti kienet cahditilhom it-talba wara proceduri ohra ta' medjazzjoni mibdija fil-15 ta' Gunju, 2017 permezz ta' ittra ta' medjazzjoni numru 853/17, li jfisser illi bejn il-15 ta' Gunju, 2017 u l-11 ta' Jannar, 2018 MC kellu zewg proceduri ta' medjazzjoni mexjin flimkien u b'hekk irnexxielu jikseb frawdolentement id-digriet tat-2 ta' Marzu, 2018 favur tieghu wara li t-

talba tieghu fl-atti tar-rikors 853/17 kienet giet michuda b'digriet finali tal-11 ta'Jannar, 2018. L-esponenti titlob illi jigi ordnat li jinbdew proceduri ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti kontra MC u l-avukat tieghu Dr.Jeanelle Cachia, n-neputija tieghu, kif ukoll kontra Dr. Cynthia Galea.

2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal ewwel eccezzjoni ta' nullita' tal-proceduri, l-esponenti trid tissolleva ukoll in-nullita' tal-istess proceduri ghar-raguni illi nghata taghrif skorrett lill-Qorti mill-medjatur. Meta l-medjatur b'nota tas-16 ta'Frar, 2018, iddikjarat illi s-seduta ma nzammitx peress li **mhux car jekk il-medjazzjoni gietx maghluqa b'digriet** u allura bilfors kienet giet infurmata li kien hemm digriet li bih il-medjazzjoni 853/17 kienet giet michuda u difatti ddikjarat illi **"il-medjazzjoni ssir biss fid-data** gdida wara li ssir kjarifikazzjoni." Imbaghad iffissat seduta ohra ghat-2 ta' Marzu, 2018 li dwarha ma nfurmatx lill-Qorti (jew ahjar zgwidata) illi "l-intimata qatt ma giet ghas-seduti." X'sar minnhom il-htiega ta' kjarifikazzjoni u verifika? Kieku attendiet, kienet tkun qed taccetta t-tahwid ta' MC." B'hekk, il-Qorti ddecidiet illi "rat in-Nota tal-Medjatur tat-2 ta'Marzu, 2018. Taghlaq il-process ta' medjazzjoni minhabba li l-konvenuta ma attendietx ghas-seduti tal-medjazzjoni. Tawtorizza lill-attur jipprocedi b'kawza u dan fit-termini imposti mil-ligi." Ghalhekk, l-esponenti tecepixxi n-nullita' tal-proceduri ta' medjazzjoni 1786/17 u tad-digriet tal-5 ta' Marzu, 2018. Il-proceduri ta' medjazzjoni jew isiru sew u fl-osservanza tal-ligi, jew ahjar ma jsiru xejn, specjalment fejn jirrizulta li l-medjatur lanqas biss infurmat lill-esponenti u lill-avukat taghha bis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2018 u dan wara li kienet giet infurmata li t-talba precedenti kienet giet michuda mill-Qorti.

3. Preliminarjament, l-attur MC ma nghatax awtorizzazzjoni *valida* mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) biex jipprocedi b'kawza.

Konsegwentement, l-azzjoni odjerna hija nulla. Mhux bizzejjed li MC jitlob ir-revoka tad-digriet tat-28 ta' Frar, 2017 (Dok.MC 16), peress li tali awtorizzazzjoni *valida* kienet mehtiega "ad validitatem" biex tinfetah kawza u l-awtorizzazzjoni li nghatatlu kienet giet karpita b'ingann da parti taghhom. Ghalhekk, il-procedura odjerna hija nulla.

4. Preliminarjament, illi l-azzjoni tentata hija abbuz tal-process gudizzjarju in kwantu l-attur fetah sensiela ta' rikorsi; l-ewwel wiehed inghalaq b'digriet tal-11 ta' Jannar, 2018: "Il-Qorti, Rat ir-rikors tas-7 ta' Dicembru, 2017; Rat ir-risposta. Rat li l-proceduri ta' medjazzjoni inghalqet b'digriet tat-30 ta' Novembru, 2017. Ikkunsidrat illi ma jirrizultawx l-estremi sabiex l-effetti ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell jigu newtralizzati b'digriet pendente lite. **Tichad it-talba;"** izda l-attur pprezenta ittra ta' medjazzjoni numru 1786/17 minghajr ma gharraf lill-Qorti bl-ittra ta' medjazzjoni numru 853/17, u b'hekk zvija l-Qorti. B'hekk id-digriet tal-5 ta' Marzu, 2018 inkiseb b'qerq stante li t-talba kienet ga' saret u kienet ga' giet michuda b'digriet tal-11 ta' Jannar, 2018, liema rikors ma gietx ipprezentata kopja tieghu mill-attur u ma ssemmiex intenzjonalment minnu. Inoltre, MC u l-avukat neputija tieghu pprezentaw "Rikors b'urgenza" fl-atti tal-medjazzjoni 853/17 biex inkomplu joholqu konfuzjoni u rnexxielhom. Izda, min jikseb vantagg b'rizultat tal-inikwita' tieghu m'ghandux jithalla jgawdi dak il-vantagg altrimenti jkun hemm karenza tal-garanzija ta' smigh xieraq.

5. Preliminarjament, u minghajr pregudizzju, l-esponenti teccepixxi l-eccezzjoni ta' ***res judicata*** (is-sentenza ta' separazzjoni personali) u li l-kawza odjerna hija irritwali u improponibbli, u dan peress illi s-sentenza ta' separazzjoni personali ghaddiet in gudikat fit-22 ta' Frar, 2013 u ma tistax tinbidel.

6. Preliminarjament, l-attur qed jittratta lil dina l-Onorabbli Qorti bhallikieku kienet qorti ta' appell ulterjuri wara sentenza tal-Qorti tal-Appell. Ghalhekk, minkejja illi f'pajjizna ma jezistix it-tieni appell jew kassazzjoni, l-attur qed jipprova jilhaq l-istess skop tat-tieni appell jew kassazzjoni billi qed jipprova jiftah mill-gdid materja gia' deciza b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

7. Preliminarjament, l-azzjoni odjerna u t-talbiet attrici imorru kontra l-principju tac-certezza legali u tal-finalita' tar-*res judicata.*

8. Preliminarjament, u dejjem minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari l-ohra, sa tliet xhur wara li nghatat is-sentenza finali mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-attur kellu l-possibilita' li jressaq proceduri ta' ritrattazzjoni tal-kawza fi stadju ta' appell biex jimpunja dik il-parti tas-sentenza li deherlu li applikat hazin il-ligi jew ghal xi wahda mir-ragunijiet l-ohra msemmija fl-artikolu 811 tal-Kap.12, izda huwa naqas li jaghmel hekk. Ghalhekk, kellu mezz xieraq ta' rimedju u ma ghamilx uzu minnu.

9. Preliminarjament u dejjem minghajr pregudizzju, ghalkemm l-attur ma setax jintavola l-kawza odjerna minhabba li hemm "res judicata" u minhabba n-nullitajiet riskontrati, huwa seta' almenu jaghmel talba ghall-ghajnuna legali sabiex jissimula li m'ghandux mezzi finanzjarji bizzejjed u mhux jinkariga wahda mill-*leading law firms* f'pajjizna, GVZH Advocates. B'hekk ta' prova li ghandu mezzi finanzjarji sodi minkejja li halef il-falz meta ddikjara illi "m'ghandux introjtu sufficjenti ighajjex lilu nnifsu u/jew sabiex ikopri l-bzonnijiet bazici tal-hajja." Barra minn hekk, huwa qatt ma hallas l-ispejjez li gie kkundannat ihallas – lanqas dawk tal-kawza ta' separazzjoni u lanqas dawk tal-medjazzjoni precedenti. Dawn

kellhom jithallsu qabel ma setghet tigi ntavolata dina l-kawza u ghalhekk il-kawza odjerna mhix ammissibbli skond il-ligi.

10. Fil-meritu, it-talbiet tal-attur huma infondati, fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu.

11. Subordinament, u minghajr ebda pregudizzju, ghalkemm l-attur rega' halef il-falz, meta ddikjara li qed ikollu jissellef il-flus minn familjari tieghu, l-verita' hija li l-attur, silef ( mhux issellef) somma ta' LM 8000, lil huh FC u ma jridx jitlob lura l-hlas ta' dina is—somma. Ghalhekk, l-attur ghandu l-mezzi finanzjarji xierqa biex imanti lilu nnifsu, jghix hajja dicenti, u jhallas il-manteniment lil ex-martu, stante li huma divorzjati. Kieku mhux hekk, kien ikollu jdur fuq huh FC, biex jaghtih lura dis-somma ta' LM 8000, li silfu mil-fondi tal-komunjoni tal-akkwisti.

12. Subordinament, u minghajr pregudizzju, l-esponenti titlob li jigi allegat il-process tal-kawza tas-separazzjoni, biex ikollha stampa cara tal-vessazzjonijiet u umiljazzjoni li l-attur ghadda lil esponenti minnhom meta kien ikollha taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizia, kull xahar biex itellghuh il-Qorti, biex imbaghad seduta stante jaghtiha l-manteniment ta' dak x-xahar bir-ritard quddiem awla tal-Gustizzja kriminali, mimlija bin-nies. Kien kuntent jara lil martu bl-ghajnuna Legali, u bl-ghajnuna socjali, meta hu kien direttur u azzjonista tal-kumpaija, Plumelec Limited.

13. Subordinament, u minghajr pregidizzju, kemm-il darba t-talba improponibbli tieghu tigi akkolta allura l-esponenti tippretendi li s-sentenza intiera tkun rivedibbli ghaliex ma jkunx gust illi parti mis-sentenza tkun rivedibbli u partijiet ohrajn ma jkunux. Dan hu abbuz, li jwettaq l-attur bl-istanza odjerna, li tinhatt dik il-parti tas-sentenza, li ma

toghgobx lilu, izda mhux il-kumplament tas-sentenza fejn ma tkunx toghgob lil-esponenti .

14. Subordinament, u minghajr pregudizzju, mhux minnu li l-esponenti tinsab f' qaghda finanzjarja tajba. Dan diga' spjegat fir-risposti li hija pprezentat meta saru t-talbiet ghal medjazzjoni mill-attur, fejn it-talbiet tieghu, ma gewx milqugha.

15. Subordinament, u minghajr pregiudizzju, MC, huwa habib tad-dejn kif juri l-mandati ta' sekwestri mahrug mill- Kummissarju tat-taxxa fuq il-Valur Mizjud, (1543/2008), MALTA COM plc (2838/2006), Gasan Mamo Insurance Limited (3653/2008), fost ohrajn, Huwa ma jkunx irid ihallas lil hadd, l-ghan tieghu fil-hajja hu li jipprova jevita milli jkollu jhallas dejnu, u hekk qed jaghmel l-esponenti. B' dawn il-mandati, nqabdu shares fil-Bank HSBC, li kien tahomlha missierha, li kwindi huma propjeta' parafernali.

16. Fl-ahhar nett, l-esponenti teccepixxi illi l-attur ma ghandux jithalla jivvessa lil attrici u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti, ghandha tiddikjara l-pretensjonijiet tieghu fir-rigward tat-twaqqif tal-manteniment, bhala estini.

17. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sentenza moghtija fis-26 ta' Frar, 2019.[1]

Semghet il-provi mressqa mill-partijiet.

[1] Fol. 108

**Fatti**

**MC** jispjega li fis-sentenza ta' separazzjoni kien gie ordnat ihallas manteniment lil martu fis-somma mensili ta' €164. Dina s-somma ghandha tigi riveduta kull sena skond l-gholi tal-hajja kif jirrizulta mill-indici ufficjali tal-Gvern. Dina l-ordni regghet giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Frar, 2013.

Ighid li tul dawn l-ahhar snin ilu jbati minn kundizzjonijiet ta' mard li kellu jieqaf mix-xoghol.[2] Kien anke addirittura jissellef il-flus minghand membri tal-familja sabiex ihallas il-manteniment lil martu.

Kien ghadda bord mediku u gie ntitolat ghall-beneficcji socjali u bir-rati applikabbli.[3] Kien qed idahhal cirka €6, 715.54 mill-beneficcji socjali u dan kien l-uniku ntrojtu tieghu. Parti minn dawn il-flus kienu jithallsu bhala manteniment lill-konvenuta u ftit kien ikollu sabiex ighix.

F'Novembru, 2016 meta r-rikorrent kien lahaq l-eta' pensjonabbli, il-beneficcji socjali li kien intitolat ghalihom, minhabba l-kundizzjoni tas-sahha tieghu, gew riveduti ghal cirka €445 fix-xahar oltre ghajnuna medika fl-ammont ta' cirka €102.52 fix-xahar.[4]

Ikkonferma li llum ighix gewwa home u dan wara li kien ghadda minn puplesija qawwija fejn lanqas jiflah jiccaqlaq. Ighid li ilu jghix fil-home Dar San Guzepp, il-Fgura minn Novembru, 2019 u qieghed hemm b'mod permanenti.

[2] Dok. MC 6
[3] Dok. MC 8
[4] Dok. MC 10

Ighid li jhallas 60% mill-pensjoni ghal dina l-home. Bhala introjtu jikkonferma li jippercepixxi biss il-pensjoni. Kien ghamel talba l-Qorti sabiex is-sentenza tas-separazzjoni in kwantu jirrigwarda l-manteniment tigi varjata u dan minhabba li kien qed jircievi pensjoni biss, imma l-problema tal-puplesija grat wara.

Ighid ukoll li bhala pensjoni jircievi cirka €700 fix-xahar, li 60% minnha tmur lejn Dar San Guzepp. Il-medicina ma jhallasx ghalihom ghax jircevihom minghand tal-POYC.

Jikkonferma ukoll li kien ghamel l-intervent tal-bypass u dan kien ghall-habta tas-sena 2016, qabel is-sentenza ta' separazzjoni.

Ighid li l-konvenuta tinstab f'qaghda ahjar minnu peress li wirtet lil zijuha GNS .[5]

In kontro-ezami, l-attur ighid li meta kien jiggestixxi Plumbelek Emergency services Ltd u Plumbelek Ltd. kellu x-xoghol, izda ma kienx irendi. Ma setax jirrispondi fejn kienu jinsabu l-flus li fuqhom kellu jhallas sest ta' miljun bhala VAT. Ighid ukoll li ma kienx talab lil huh FC t-tmint elef li kienu selfuh. Il-konvenuta tirreagixxi ghal dan billi tinsisti li l-attur ghandu bizzejjed fondi ladarba ma jridx jitlob lil huh ir-rifuzjoni tal-flus li sellfuh.

---

[5] Dok. MC 13 u 14

Ikkonferma ukoll li kien jircievi bejn €750 u €800 fix-xahar, filwaqt li l-konvenuta kienet tircievi cirka €400 pensjoni u kellha bzonn il-manteniment sabiex tkampa. Jinsisti li  kienet tahdem u waqfet.

Il-konvenuta kkonfermat illi tghix bil-pensjoni li tammonta ghas-somma ta' €480 kull erba' gimghat. Tircievi ukoll l-awment li jkun hemm kull sena.

Ikkonfermat ukoll li kienet tahdem full time b'reduced hours mal-Wembley store sal-eta' tal-pensjoni u llum irtirat. Iktar minn hekk kellha l-ghajnuna ta' ommha u zijuha li gew nieqsa fl-istess sena.

Tispjega li ghandha problemi b'sahhitha u trid tillimita d-dieta taghha minhabba allergiji, Ghalhekk ikollha spiza ta' pilloli li ma tistax tiehu mill-Gvern u dawn jammontaw ghall- €140 u jkollha tixtri hafna vitamini u dan minhabba li ma tistax tiekol kollox u trid tevita li ssir anemika. Tikkonferma li qabdet tiehu dawn il-pilloli minn jeddha.

Il-konvenuta tikkonferma ukoll li missierha kien taha Lm3000 li minnhom l-attur kien tefa' depozitu ta' Lm1000 fuq is-Subaru u l-Lm2000 l-ohra kienu investewhom f'shares. Kien imbaghad ghenu  lil hu l-attur billi ghamlu tajjeb b'dawn is-shares ghax il-bank ma riedx isellfu flus u kienu sellfuh Lm8000.

**MD** , in rapprezentanza ta' HSBC Malta Bank plc. Ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet, ma rrizultax li kien hemm kontijiet bankarji f'isem il-

konvenut, izda kien hemm f'isem l-attrici zewg kontijiet bankarji li llum huma maghluqa.[6]

**Marica Scicluna**, in rapprezentanza ta' Mater Dei pprezentat il-file mediku tal-attur.

**Joanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li mir-ricerki li ghamlet irrizultaw zewg kontijiet f'isem il-konvenuta, kont savings li jgib in-numru 40021025749 li ghadu miftuh, kif ukoll kont kurrenti 40021759060 li ghadu miftuh ukoll.

**Dr. S. Apap Meli** in rapprezentanza tas-Sigurta' Socjali pprezenta informazzjoni dwar il-beneficcji li kien jircievi u qed jircievi llum. Jispjega ukoll li l-pensjoni tal-attur, li jinsab rikoverat go home l-Fgura qed tinqasam hekk 32% qed jigi ppercepit mill-konvenuta, 54% jittiehdu mill-Isptar Karen Grech u 13% jinzammu mill-attur.

**Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' JobsPlus ipprezenta l-employment history tal-konvenuta,[7] kif ukoll dak tal-attur.[8]

**Angelo Said,** in rapprezentanza tas-Servizzi tal-pensjoni kkonferma li ma hadd mill-partjiet kien qed jircievi pensjoni tas-servizz.[9]

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

[6] Dok. MD 1 – MD2
[7] Dok. JS 1
[8] Dok. JS 2
[9] Dok. AS 1

B'sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata s-26 ta' Jannar, 2012 u kkonfermata permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell datata t-22 ta' Frar, 2013, il-Qorti ordnat lill-attur sabiex ihallas manteniment lill-konvenuta f'dan is-sens:-

"***Illi tenut kont tal-fatt li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi unikament fuq il-konvenut u tenut kont ukoll tal-fatt li, nonostante li l-konvenut xorta wahda bhala jiggestixxi n-negozju tieghu u jdahhal introjtu, il-quantum ta' dan l-introjtu nzamm mistur mill-attrici, tenut kont ukoll tal-fatt li l-attrici hija kapaci tahdem, ghalkemm fuq bazi part-time, izda tenut kont ukoll tal-eta' tal-attrici (57), tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma mensili ta' mija erba' u sittin euro (€164) {Lm170}. Din is-somma ghandha tigi riveduta kull sena skond l-gholi tal-hajja kif jirrizulta mill-indici ufficjali tal-gvern.***

***Inoltre, l-attrici qed tinghata d-dritt li tezigi manteniment akbar kemm il-darba hi tisfa' bla mezzi adegwati ghall-ghejxien taghha minhabba cirkostanzi mhux fil-kontroll taghha, dejjem skond ic-cirkostanzi ta' dak iz-zmien."***

L-attur fetah dina l-kawza peress li jirrileva li sehh tibdil fil-mezzi tieghu peress li tatu puplesija u ghalhekk mhux f'posizzjoni li jkompli jahdem. Inoltre llum ighix gewwa Dar San Guzepp, il-Fgura, fejn jittiehdu 54% tal-pensjoni tieghu. Il-pensjoni tieghu tammonta ghal cirka €700 kull xahar. Minn dina s-somma jinqata' ukoll il-manteniment dovut lill-konvenuta.

Il-quantum ta' manteniment f'kaz ta' separazzjoni dejjem jigi kkalkulat skond il-mezzi tal-persuna li hija obbligata thallas il-manteniment, il-kapacita' lavorattiva taghha, kif ukoll il-bzonnijiet tal-persuna li qed titlob

il-manteniment. Fis-sentenza taghha tas-26 ta’ Jannar, 2012, il-Qorti kkunsidrat li l-attur kellu tort li wassal ghal dina s-separazzjoni u l-konvenuta kienet tahdem part-time u kienet kapaci tahdem, pero’ accennat ghal fatt li seta’ kien hemm problema ghall-attrici li zzomm l-impjieg tenut kont tal-eta’ taghha.

L-Artikolu 54(9) tal-Kodici Civili « ***Meta jkun hemm tibdil li jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, il-qorti tista’, fuq it-talba ta’ kull wahda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skond il-kaz…*** »

Fil-passat jirrizulta li l-attur kien jiggestixxi zewg kumpaniji relatati mal-plumbing Plumbelek Emergency Services Ltd u Plumbelek Ltd u l-konvenuta tenniet li l-introjtu tieghu kien sostanzjali, izda ma kellhiex hjiel ta’ dan. Dan fil-fatt gie kkonfermat mill-Qorti fis-sentenza ta’ separazzjoni.

In kontro-ezami gie mistoqsi kif kien hemm oltre €60, 000 arretrati ta’ VAT li ma thallsux. Skond l-attur xoghol kellu, pero’ ma kienx irendi u ghalhekk ma kienx ilahhaq bl-ispejjes tal-VAT.

Kien ghamel zmien wara s-separazzjoni fejn kien ighix go post mikri u kellu l-kera xi jhallas. Imbaghad kien mar joqghod go dar tal-anzjani u waqt li kien qieghed hemm kienet tatu puplesija, li impedewh kompletament milli jahdem iktar. Id-dokumenti medici li pprezenta l-attur huma relatati ma’ problemi ta’ mobilita’ f’saqajh u jirrizulta ukoll li gie mwissi kemm il-darba sabiex jieqaf ipejjep u donnu ghalkemm naqqas sew mit-tipjip, ugwalment kien baqa’ jpejjep xi erba’ sigaretti kuljum.

In vista ta' dawn il-problemi medici kien ghadda minn bord mediku, li intitolah ghall-beneficcji socjali fejn kien jaqla' cirka €102 fil-gimgha, bonus addizzjonali ta' €3.22 fil-gimgha u kull sitt xhur, bonus ta' €135.10. Gie kkonfermat ukoll li ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2015 sal-31 ta' Dicembru, 2015 kien ircieva €6,715.54 bejn beneficcji, allowances u pensjonijiet. Sas-sena 2017, kien qed jircievi €445.08.[10] Bhala pensjoni llum jircievi bejn €700 u €800 fix-xahar.

Mhuwiex ikkontestat li d-dar tal-anzjani fejn ighix l-attur jehodulu 54% mill-pensjoni tieghu u dan peress li jghix hemm u jmantnuh u ghaldaqstant, wara li jitnaqqas il-manteniment lejn il-konvenuta jibqalu xi haga f'idejh. Spejjes ohra l-attur zgur li m'ghandux. Dr. Apap Meli in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' socjali kkonfermat li 54% mill-pensjoni tal-attur tmur lejn l-Isptar Karen Grech, 13% izommhom ghaliha, filwaqt li 32% ighaddu bhala manteniment ghall-konvenuta.

Il-konvenuta ttenni pero' li l-attur inkariga tlett avukati minn ditta ta' avukati rinomati, izda ukoll irrizulta li wahda minnhom hija n-neputija u ghalhekk jista' jaghti kaz li mhux qed jithallas ghas-servizzi taghha. Inoltre in kontro-ezami ma setax jirrispondi ghalfejn il-VAT kien jammonta ghall-ammont kbir, izda minn proceduri li nfethu kontrih mill-VAT department, jirrizulta li jammetti li kellu problemi finanzjarji pero' gie akkuzat ta' approprjazzjoni indebita meta ggestixxa l-flus ghall-affarijiet ohra.

Oltre minn hekk mhux kontestat li kienu sellfu Lm8,000 lil hu l-attur FC u dawn qatt ma ntalbu lura, flus li certament it-tnejn ghandhom bzonn specjalment meta t-tnejn li huma ghandhom bzonn dawn il-flus.

---

[10] Doks. MC 8-10

Dwar il-mezzi u l-bzonnijiet tal-konvenuta jirrizulta li kienet ghamlet zmien twil tahdem mal-Wembley Store fuq bazi full-time b'reduced hours. Imbaghad kienet harget bil-pensjoni fejn illum tircievi cirka €480 fix-xahar. Il-konvenuta tammetti ukoll li kienet tkampa bl-ghajnuna finanzjarja ta' ommha u zijuha li t-tnejn kienu mietu fl-istess sena u ghalhekk per konsegwenza dina l-ghajnuna spiccat.

Inoltre, il-konvenut irrilevat li ghandha problemi ta' mard minhabba li zviluppat allergiji ghal certu ikel. Semmiet ukoll li qed tiehu medicina li tqum €140 cirka fix-xahar u li ggibhhom minn barra minn  Malta. Il-verzjoni taghhha li dawn il-mecidini ghazlet li tehodhom minn jeddha u ma kinux preskritti mill-iskola tidher bhala wahda veritiera. Madanakollu dan ihalli impatt fuq l-introjtu taghha ghax jekk qed tonfoq €140 fix-xahar u dana qed taghmlu ghax hija ghazla taghha.

L-attur ressaq provi ukoll fejn jirrizulta li l-konvenuta kienet l-unika eredi universali ta' zijuha G u skond it-testament li halla warajh, il-konvenuta wirtet post u anke garaxx. Ma giex konkluz li l-konvenuta qed tghix f'dan il-post li wirtet jew jekk tikrih, anzi meta giet mitluba tghid dwar dan il-fond in kontro-ezami, kienet evasiva hafna.

Jekk dina l-Qorti kellha tilqa' t-talbiet attrici u twaqqaf jew tnaqqas il-hlas ta' manteniment, trid tara l-konsegwenzi li dan jista' jhalli fuq il-konvenuta u d-differenza fl-istat finanzjarju taghha minn meta hareg id-digriet, kif ukoll dak tal-attur minn mindu nghatat is-sentenza tas-separazzjoni. Illum il-konvenuta pensjonanta u jista' jaghti l-kaz li tircievi kirja mill-fond li wirtet minghand iz-ziju, Jekk ghandha xi spejjes ta' medicina dan huwa kapricc taghha u mhux necessarji. S'intendi ghandha ukoll l-ispejjes ghall-hajja ta' kuljum.

Meta kkomparat mal-attur, dan illum jirrizulta li l-unika ntrojtu tieghu huwa dak tal-pensjoni, izda peress li jghix fid-dar ta-anzjani, m'ghandu l-ebda spejjes ghall-hajja peress li jqattghulu somma mill-pensjoni biex ikopru dawn l-ispejjes.

Peress li jirrizulta li l-attur ma tax gustifikazzjoni dwar id-dejn tal-Vat u l-fatt li qatt ma talab lil huh irodd lura l-flus li sellfu, ipoggi f'dubbju li l-attur ghandu xi introjtu iehor li mhux maghruf. Inoltre, il-manteniment fix-xahar huwa wiehed mizeru. Hija hasra li ghadda dan iz-zmien kollu mis-separazzjoni, li milli jidher kienet wahda aspra u kumbattuta, u l-partijiet ghadhom ikarkru bi proceduri gudizzjarji minnfolk ma jghixu hielsa minn xulxin.

Ghalhekk, in vista ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti sejra tichad it-talbiet attrici fl-intier taghhom.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

Tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa.

**Onor. Imhallef Dr.Anthony J. Vella** **Registratur**